

Brussell, 6 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6010/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0555 (COD)

---

---

COMPET 149	ECOFIN 153
IND 93	COH 19
MI 99	INDEF 50
CADREFIN 46	CULT 15
FIN 206	CYBER 46
RECH 46	JAI 156
ESPACE 22	DIGIT 31
CONSOM 37	DATAPROTECT 33
DUAL USE 7	FREMP 36
EDUC 30	RELEX 150
TELECOM 51	COPS 78
ENER 48	UD 22
ENV 92	AUDIO 16
CLIMA 46	PROCIV 17
AGRI 90	IPCR 10
TRANS 51	MAP 49
SAN 64	FISC 64
PHARM 10	CODEC 164
BIOTECH 6	IA 23
POLMIL 64	CSC 91
POLGEN 23	

#### NOTA

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: *Thejġja tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tas-26 ta' Frar 2026*

Regolament dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività: għodda strateġika ta' reżiljenza għall-SMEs u l-ktajjen tal-valur Ewropej  
- *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar "Regolament dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività: Għodda strateġika ta' reżiljenza għall-SMEs u l-ktajjen tal-valur Ewropej" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tas-26 ta' Frar 2026.

**Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività: għodda strateġika ta' reżiljenza għall-SMEs u l-ktajjen tal-valur Ewropej**

Il-ktajjen tal-valur Ewropej f'setturi kritiċi bħat-Teknoloġija Nadifa, il-Bijoteknoloġija u l-Materjali Avanzati għadhom frammentati u soġġetti għal dipendenzi, u dan jillimita l-kapaċità tal-UE li żżid ir-reżiljenza tagħha u tikkompeti fuq skala globali. Id-dipendenza tal-UE fuq fornituri minn pajjiżi terzi għal komponenti speċifiċi qed tiżdied, b'mod partikolari fir-rigward tal-materja prima u l-inputs intermedji meħtieġa għat-tranżizzjoni doppja<sup>1</sup>. Ħafna aktar importanti, l-innovazzjoni Ewropea tiffaċċa l-"Wied tal-Mewt" - filwaqt li l-UE teċċella fil-ġenerazzjoni ta' negozji ġodda, dawn il-kumpaniji jiffaċċaw preċipizju ta' finanzjament meta jippruvaw jimxu mill-prototip għall-produzzjoni u biex jikbru. Dan id-distakk fl-espansjoni għadu mhux mimli mill-kapital ta' riskju privat Ewropew, li jgħiegħel lill-innovaturi b'potenzjal għoli jbigħu lil kompetituri barranin, jirrilokaw jew jistaġnaw, u b'hekk jittrasferixxu l-kapaċità industrijali tal-UE lejn pajjiżi terzi<sup>2</sup>. Dan mhux biss stmat li huwa piż sinifikanti fuq il-produttività tal-UE meta mqabbel mal-Istati Uniti, iżda jillimita b'mod kruċjali wkoll il-kapaċità tas-setturi strateġiċi li jiddependu fuq bażi diversifikata ta' fornituri Ewropej u li jibnu ktajjen tal-valur reżiljenti u ekosistemi kompetittivi.

---

<sup>1</sup> Kummissjoni Ewropea. (2024). Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024 (COM(2024) 77 final), pp. 14-16 (Li jikkonferma dipendenzi strateġiċi persistenti f'ekosistemi sensittivi); Kummissjoni Ewropea. (2024). Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A (Rapport ta' Mario Draghi), pp. 42-45 (Dwar l-approfondiment tad-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE għal teknoloġiji kritiċi).

<sup>2</sup> Kummissjoni Ewropea. (2024). Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti B (Rapport ta' Mario Draghi), Taqsima 2 "It-tnaqqis tad-Diskrepanza fl-Innovazzjoni", pp. 58-60.

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) mhuwiex biss allokkazzjoni baġitarja ġdida, iżda lieva politika strateġika. Il-FEK huwa mfassal biex jiġġieled il-frammentazzjoni tax-xenarju finanzjarju tas-Suq Uniku. Bħala rispons dirett għall-"preċipizju ta' investiment" identifikat fir-rapporti ta' Draghi u Letta, il-FEK beħsiebu jikkonsolida l-istrumenti finanzjarji fi pjattaforma ta' implimentazzjoni unika u koerenti<sup>3</sup>. L-objettiv industrijali primarju tiegħu huwa li jstabbilixxi "vjaġġ ta' investiment bla xkiel" għall-kumpaniji Ewropej inkluż permezz ta' taħlita ta' appoġġ ibbażat fuq għotjiet u strumenti għat-tneħħija tar-riskji mfassla għal stadji differenti tat-tkabbir tal-kumpaniji. Billi jarmonizza r-regoli u jiċċentralizza r-riżorsi, il-FEK għandu l-għan li jippermetti lill-SMEs b'potenzjal għoli jew kritiċi jagħmlu tranżizzjoni diretta mir-riċerka prekkummerċjali għall-fażi ta' espansjoni industrijali mingħajr il-frizzjoni tal-applikazzjoni mill-ġdid taħt reġimi regolatorji kunfliġġenti<sup>4</sup>. Għalhekk, kull tieqa ta' politika tal-FEK ser tappoġġa azzjonijiet iddedikati għall-SMEs biex tizzied il-parteċipazzjoni wiesgħa tal-SMEs fil-programm. Barra minn hekk, il-FEK ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu s-sett ta' għodod kollu tal-baġit tal-UE biex jisfrutta investimenti pubbliċi u privati addizzjonali matul il-vjaġġ kollu tal-investiment.

Filwaqt li l-UE mmappjat b'suċċess id-dipendenzi strateġiċi tagħha, element kritiku jibqa' mhux solvut għall-ktajjen tal-valur tagħna. Ir-reżiljenza ma tinkisibx biss billi tiġi żgurata l-materja prima jew billi jiġi appoġġat l-assemblaġġ finali (jiġifieri l-gigafabbriki); dan jirrikjedi wkoll li jiġi indirizzat in-"nofs nieqes" tal-katina tal-provvista billi titrawwem ekosistema robusta ta' manifatturi tal-komponenti, fornituri, innovaturi u fornituri tat-teknoloġija, rwoli mimlija b'mod predominanti mill-SMEs<sup>5</sup>. Il-FEK ser jipromwovi l-ħolqien, il-kollaborazzjoni, u l-espansjoni tal-innovazzjoni, il-finanzjament privat u l-ekosistemi industrijali. Xi wħud mill-azzjonijiet tal-FEK, bħall-azzjonijiet tal-SMEs speċifiċi għas-settur, il-Mexxejja tat-Teknoloġija tal-UE u l-Bennej tal-Ktajjen tal-Valur, għandhom l-għan li jindirizzaw dan l-aspett.

---

<sup>3</sup> Kummissjoni Ewropea. (2024). Il-Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029, pp. 10-11 (Li jipproponu l-FEK bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa biex tiġi żgurata l-kapaċità ta' investiment f'teknoloġiji strateġiċi); Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew. (2025). Il-fond Ewropew għall-kompetittività: Ħarsa ġenerali, p. 2 (Dwar il-konsolidazzjoni tal-istrumenti eżistenti).

<sup>4</sup> Kummissjoni Ewropea. (2024). Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti B (Rapport ta' Mario Draghi), Taqsima 5, pp. 280-285 (Dwar il-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-finanzjament mil-laboratorju għall-fabbrika u jiġu evitati konġestjonijiet regolatorji).

<sup>5</sup> Kummissjoni Ewropea. (2021). Dokument ta' Ħidma tal-Persunal: Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi (SWD(2021) 352 final), pp. 14-16 (Li jenfasizza li d-dipendenzi spiss jirriżultaw minn segmenti speċifiċi tal-katina tal-provvista ddominati minn SMEs barranin).

Ir-reżiljenza tiddependi fuq l-ekosistema industrijali kollha, mhux biss fuq champions iżolati. Għalhekk, l-innovaturi żgħar u ta' daqs medju jistgħu u jridu jkunu parti ewlenija mill-katina tal-valur. Dawn jipprovdu soluzzjonijiet niċċa f'nodi ewlenin tal-katina tal-valur, huma flessibbli fil-kriżijiet, huma innovaturi ewlenin, u jistgħu jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni billi jipprovdu soluzzjonijiet alternattivi għall-importazzjonijiet<sup>6</sup>. Barra minn hekk, f'setturi definiti minn dawran teknoloġiku rapidu, il-veloċità hija fattur kritiku tal-kompetittività. Il-FEK irid ikollu rwol deċiżiv biex jakkomoda l-aġilità u l-ħeffa meħtieġa minn kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir, filwaqt li jiżgura li l-UE ma tkomplix titef l-aktar assi innovattivi tagħha lil kompetituri ta' pajjiżi terzi li joffru aċċess aktar rapidu u aktar sempliċi għall-kapital.

Id-delegazzjonijiet mistiedna jikkummentaw dwar il-mistoqsijiet gwida li ġejjin:

- Kif nistgħu niżguraw li l-proġetti ta' investiment fuq skala kbira jintegraw b'mod effettiv lill-SMEs Ewropej fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, filwaqt li niżguraw li l-ekosistema industrijali tagħna tibqa' robusta?
- Kif jista' l-FEK jiżgura li l-istrumenti għat-tneħħija tar-riskji jattiraw b'mod effettiv il-kapital privat, bl-istess aġilità bħall-kompetituri ta' pajjiżi terzi u mingħajr dipendenza fit-tul fuq is-sussidji pubbliċi, u b'hekk jipprovdu l-"vjaġġ ta' investiment bla xkiel" meħtieġ għall-SMEs biex jissopravivu l-"Wied tal-Mewt"?

---

<sup>6</sup> JRC, 2023. Semikondutturi fl-UE, Dokument sommarju dwar l-attivitajiet tal-Grupp ta' Esperti Ewropew dwar is-Semikondutturi (Dwar kif miżuri ta' politika mmirati jistgħu jsaħħu l-kompetittività tal-UE fis-settur tas-semikondutturi, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-SMEs, atturi speċjalizzati u linji pilota, aċċess imtejjeb għall-infrastruttura tal-manifattura, u integrazzjoni aktar b'saħħitha tul il-ktajjen tal-valur)